MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 27/2012

**Carmelo sive Charles Vella**

**Vs**

**General Workers Union**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 2802 deciza mit-Tribunal Industrijali fit-28 ta’ Mejju 2012, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*“It-Tribunal;*

*Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara dikjarazzjoni datata 4 ta’ Gunju, 2010 mibghuta lit-Tribunal Industrijali mill-Avukat Dr. Veronique Dalli u l-Avukat Dr. David Camilleri li bghatu din id-dikjarazzjoni ghan-nom t a’*

*Carmelo sive Charles Vella fejn gie dikjarat li l-istess Carmelo sive Charles Vella gie imkecci ingustament.*

*Carmelo sive Charles Vella maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Veronique Dalli u Dr. David Camilleri u ghall-General Workers Union dehru Toni Zarb u Victor Carachi assistiti minn Dr. Aaron Mifsud Bonnici.*

***Dikjarazzjonijiet tal-kaz***

*Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem mal-General Workers Union ghal circa hamsa u ghoxrin sena bhala security. Dejjem ta' l-gurnata tax-xoghol. F'daqqa wahda l-esponenti rcieva ittra datata 16 ta' Dicembru 2009 fejn gie infurmata li gie sospiz mix-xoghol u eventwalment gie infurmat illi kien qieghed jitkecca mix-xoghol. Illi l-esponenti kien sorpriz hafna b'dan kollu stante li ma kienet tezisti l-ebda raguni valida fil-Ligi biex jitkecca u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni*

*Il-General Workers union fl-istqarrija taghha qalet li ghadda l-fuq minn erba' xhur u ghalhekk it-talba hija preskritta. Ukoll minghajr pregudizzju Charles Vella instab hati ta' diversi drabi ta' diversi reati kriminali serji li ghalhekk rrenda ruhu mhux aktar idoneja ghax-xoghol fdat lilu.*

***Provi***

*Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehedet Jennifer Debono li hija rapprezentanta tal-Employment and Training Corporation fejn spjegat illi t-tkeccija ta' Charles Vella kienet fil-19 ta' Dicembru 2009.*

*Xehed b'Affidavit Carmelo sive Charles Vella fejn fost affarijiet ohra spjega li ma inghatax l-opportunita li jghaddi Bord tad-Dixxiplina skond il-ftehim kollettiv.*

***Konsiderazzjonijiet***

*It-Tribunal ser jillimita d-decizjoni tieghu fuq l-ewwel eccezzjoni tal-General Workers Union stante li hija l-ewwel eccezzjoni u tista' tistrada l-kaz.*

*It-Tribunal Ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li aspett importanti ta' dan il-kaz hija l-gurnata tat-tkeccija li tirrizulta li hija l-gurnata tad-19 ta' Dicembru 2009. Jirrizulta ukoll car u ampju mid-dokumenti esebiti illi r-rikors promotur ta' Carmelo sive Charles Vella gie sottomess lit-Tribunal Industrijali fl-4 ta' Gunju 2010 jigifieri ghadda l-fuq minn erba' xhur rikjest mill-Ligi in partikolari Artiklu 75(3) tal-Kap 452 u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hija preskritta u mhiex sostenibbli ghat-termini tal-Ligi.*

***Decizjoni***

*It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra n-nota tas-sottomissjonijiet tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-General Workers Union dik li t-talba giet imressqa fuori termine ai termini tal-artiklu 75 sub inciz (3) tal-Kap 452 u b'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjez jigu sopportati minn Carmelo sive Charles Vella.*

*Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros u sbatax il-centezmu.*

*B'hekk tintemm il-kwistjoni tax-xoghol".*

Illi minn din is-sentenza appella Charles Vella bl-aggravju illi t-Tribunal għamel apprezzament ħażin ta' fatti meta iddeċieda illi t-talba tal-appellant kienet giet intavolata "*fuori termine*" u cioe' bi ksur tat-terminu impost ta' erba

xhur mid-data tat-tkeccija stabbilit fl-artikolu 75(3) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi il-Union appellat preliminarjament jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita ta'l-appell interpost mill-appellanti billi l-istess gie ipprezentat oltre it-terminu statutorju stabbilit fil-ligi specjali li tirregola it-tilwim industrijali. Illi din il-Qorti tqies illi fl-ewwel lok ghandu jigi sorvolat dan l-iskoll procedurali, qabel ma tghaddi ghat-trattazzjoni ta'l-aggravvju imressaq mill-appellanti fil-mertu.

Illi l-Artikolu 82 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

> ***(3) Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi. Dan l-appell għandu jsir b'rikors lill-Qorti tal-Appell kkostitwita skont lartikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan ir-rikors għandu jiġi ppreżentat <u>mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata</u> mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal:***
>
> ***Iżda meta jsir appell lill-Qorti tal-Appell, u waħda mill-partijiet titlob li l-appell jiġi dikjarat null u bla effett minħabba f'li ma kienx bbażat fuq punt ta' liġi deċiż mit-Tribunal jew li l-appell huwa null u bla effett fil-liġi għal kull raġuni oħra tkun li tkun, dak l-appell għandu jintbagħat mir-Reġistratur lill-Qorti tal-Appell biex jingħata digriet in camera dwar l-ammissibilità jew xort'oħra talappell.***

Fuq din il-pregudizzjali li l-appell hu irritwali in kwantu *fuori termine* jibda biex jigi registrat illi huwa fil-generalita` tar-riti processwali taht id-diversi ligijiet u ghal liema hu konsentit appell, illi t-termini fihom preskritti ghall-appell

jinkwadraw ruhhom fl-istitut tad-dekadenza. Dan huwa hekk ghas-semplici fatt materjali u oggettiv tad-dekorrenza taz-zmien[1].

***"Huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata tal-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutile taghhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarju ghal raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita`".*** **Appell Civili Numru. 505/2009/1 Daniela Zwack-Wandrey vs Messrs. In-Sight Ltd**

**"*L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio … … In-nullita` tattakka l-att innifsu. Dak l-att il fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita` tkun giet migjuba a konoxxenza taghha*"** "**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997**". "**Salina**

[1] Caterina Tabone -vs- Nobbli Gio Carlo Mallia *et*", Appell Civili, 3 ta' Ottubru, 1927

**Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority", Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007**

Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura "*si debbono osservara alla lettera e non per equipollens*" (**Vol XVIII pI p879**). Dan ghaliex il-procedura hi konsiderata ligi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-ligi "ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio'"(**Vol XXXVI pI p204**; **Vol XLIV pI p421**).

Dan igib bhala konsegwenza illi t-terminu procedurali ghal proponiment ta' l-appell kellu jigi osservat strettament u '*ad unguem*'. Din mhiex kwistjoni ta' formalizmu izda ta' mizura ta' dixxiplina processwali li mill-osservanza taghha tibbenefika l-andament kif imiss tas-sistema kollu. Ma jista' qatt ikun disputat illi t-termini ghal kompiment ta' atti processwali huma dawk stabbiliti mil-ligi[2].

F' dan il-kaz il-ligi trid li t-terminu specifikat ta' tnax-il gurnata ghall-proponiment tal-appell minn sentenzi tat-Tribunal Industrijali jiddekorri mid-data tas-sentenza. Kjarament, mill-atti istruttorji tal-kaz prezenti jirrizulta l-fatt materjali tat-trapass taz-zmien statutorju utli billi mid-data tas-sentenza (28 ta' Mejju 2012) sal-prezentata tal-appell (18 ta' Gunju 2012) abbondantement skadew it-tnax-il gurnata prefissi mill-Kapitolu 452 ghall-proponiment tal-appell. Il-konsegwenza hi li l-appell devolut hu irritwalment propost in kwantu *fuori termine*. Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma ssibx raguni biex ma

[2] Appell Civili Numru. 120/2000/1 Maurice u Rosaria sive Lucy mizzewgin Cefai vs Doris Fenech

takkoljiex il-pregudizzjali sottomessa mill-appellat. Mhux il-kaz allura li tinvesti l-mertu tal-ilment sottopost

Ghal dawn il-motivi u bl-akkoljiment tal-pregudizzjali mqanqla mill-appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu, l-appell qed jigi rigettat bhala irritu u null in kwantu prezentat tardivament, bl-ispejjez jitbatew mill-appellant.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------